MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## SCICLUNA DAVID

Seduta ta' 11 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1772/2001/1

Ronald u Maria konjugi Galea
vs
John u Carmen konjugi Bamber

Illum, 11 ta' Ottubru 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fid-9 ta' Novembru 2001 li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew:

Illi permezz ta' digriet moghti fit-28 ta' Jannar 1999 il-fond "Jurcarohn", Tomna Lane, San Gwann gie liberat affavur tal-atturi fl-atti tas-Subasta numru 66/97;

Illi l-konvenuti qeghdin jokkupaw l-imsemmi fond propjeta' tal-atturi minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

Illi ghalkemm interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata 29 ta’ Dicembru 2000 sabiex jghaddu lill-atturi c-cwievet u l-pussess vakanti ta’ l-imsemmi fond, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Illi sa fejn jafu l-atturi, l-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet x’jaghtu kontra t-talbiet tal-atturi u fil-fehma tal-atturi l-konvenuti ma jista’ jkollhom l-ebda difiza ghat-talba tal-atturi ghall-izgumbrament tal-konvenuti mill-fuq imsemmi fond;

talbu li din il-Qorti:

1. tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh *ai termini* tal-Artikolu 167 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12).

2. tiddikjara l-konvenuti qeghdin jokkupaw il-fond “Jurcarohn”, Tomna Lane, San Gwann minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

3. tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju lilhom prefiss minn din l-Onorabbli Qorti, jizgumbraw mill-fond “Jorcarohn”, Tomna Lane, San Gwann.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 29 ta’ Dicembru 2000 kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjoniijet tal-konvenuti fejn qalu:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li s-subbasta a bazi ta’ liema dar de quo ghaddiet ghand l-atturi hija irrita u nulla essendo li n-notifiki ma sarux skond kif rikjest mill-ligi.

2. Illi inoltre l-konvenuti ser jintavolaw citazzjoni ad hoc sabiex jimpunjaw il-procedura konnessa mas-subbasta numru 66/97 u ghalhekk hu l-kaz li din l-Onorabbli Qorti tissoprasjedi mill-kawza premessa sakemm tinghata

sentenza finali fir-rigward tal-kawza presentata mill-konvenuti.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Jirrizulta li b'digriet tat-28 ta' Jannar 1999 (ara fol. 8) l-utile dominju perpetwu tal-fond bla numru jismu 'Jurcarohn' sitwat f'Tomna Lane, San Gwann, gie liberat favur l-atturi. Din il-proprjeta` kienet tappartjeni lill-konvenuti li ghadhom jokkupaw l-istess fond. L-atturi qeghdin jitolbu l-izgumbrament taghhom minn dan il-fond peress li jsostnu li l-konvenuti m'ghandhom l-ebda titolu fuqu.

Fl-eccezzjonijiet taghhom il-konvenuti jsostnu li s-subbasta li a bazi taghha l-fond in kwistjoni ghadda ghand l-atturi hija rrita u nulla peress li n-notifiki ma sarux skond il-ligi u li se jintavolaw citazzjoni biex jimpunjaw il-procedura konnessa ma' l-imsemmija subbasta.

Fis-seduta tat-28 ta' Gunju 2002, Dr. Carlo Vigna ghall-attur prezenti ddikjara li sa dakinhar ma rrizultax li kienet giet intavolata citazzjoni mill-konvenuti ghall-iskop minnhom imsemmi. Dakinhar la dehru l-konvenuti u lanqas id-difensuri taghhom u ghalhekk il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Sallum ma jirrizultax lill-Qorti li din il-kawza giet intavolata. Ghalhekk it-talba fit-tieni eccezzjoni biex din il-Qorti tissoprasjedi hi respinta.

Mix-xiehda tal-konvenut moghtija fil-5 ta' Frar 2002 jidher li l-pretensjoni tal-konvenuti li n-notifiki ma sarux skond il-ligi hi bazata fuq l-allegazzjoni li l-konvenuta ma gietx notifikata bl-atti tas-subbasta. Il-konvenut xehed li huwa kien heba l-karti li rcieva dwar is-subbasta mill-mara tieghu u ma hbielha xejn aktar.

Ghalkemm id-dikjarazzjoni guramentata annessa man-nota ta’ l-eccezzjonijiet giet mahlufa mill-konvenuta, l-istess dikjarazzjoni ma taghti l-ebda hjiel tar-raguni ghaliex il-konvenuti qed isostnu li n-notifiki ma sarux skond il-ligi, u l-konvenuta ma xehditx f’dawn il-proceduri.

Fil-fehma tal-Qorti, ix-xiehda tal-konvenut ma hija xejn verosimili. L-asserzjoni tieghu li heba l-karti tas-subbasta mill-mara tieghu hija ghal kollox frivola. Ma jistax jitwemmen li jasal biex jahbi minn martu karti daqshekk importanti li jindikaw li se jinbiegh il-fond okkupat minnu u minn martu. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti hi ukoll respinta.

Fid-dikjarazzjoni guramentata u fl-affidavit tieghu annessi mac-citazzjoni, l-attur stqarr li l-konvenuti qeghdin jokkupaw il-fond in kwistjoni minghajr ebda titolu. Jigi osservat li fl-eccezzjonijiet taghhom il-konvenuti ma allegaw l-ebda titolu. Ghaldaqstant it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa’ t-tieni u tielet talbiet attrici u ghalhekk:

1. Tiddikjara li l-konvenuti qeghdin jokkupaw il-fond ‘Jurcarohn’, Tomna Lane. San Gwann, minghajr ebda titolu validu fil-ligi, u
2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien xahrejn millum jizgumbraw mill-istess fond ‘Jurcarohn’, Tomna Lane San Gwann.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF**
**DR. DAVID SCICLUNA**
**D/REGISTRATUR**